MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

Laqgħa Numru Erbgħa u Tletin (34) – Kontinwazzjoni (Tieni parti)

9 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Victor Curmi- Sindku

Dr. Christian Zammit - Kunsillier

Marion Rita Portelli- Kunsilliera

Leanne Micallef- Kunsilliera

Dr Francienne Muscat- Kunsilliera

Dr Kevin Cutajar- Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

Aaron Agius – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

34.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

34.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Viċi Sindku Aaron Agius kien assenti għal-laqgħa.

34.5 Mozzjonijiet Nru 5 – 10 u tweġibiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tispjega kif eżatt jaħdem il-proċess tal-mozzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta tintbgħat mozzjoni din irid ikun fiha Proponent u Sekondant. Meta mozzjoni tkun qed issir f'isem aktar minn persuna waħda, din irid ikollha l-firma ta' dawk li f'isimhom qed tiġi ppreżentata l-mozzjoni. Jingħataw numru, jitniżżlu fl-Agenda u ġaladarba jkun hemm sekondant, jitressqu għad-diskussjoni.

Mozzjoni Nru 5 – Ippproponuta mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar u sekondata mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat.

'Illi fi Triq Mannar, kien hemm speed hump u din kien ilha hemm ħafna snin. Illi din is-speedhump saret sabiex trażżan it-traffiku u għall-protezzjoni tar-residenti u l-pubbliku in ġenerali. Illi din is-speedhump, tneħħiet xi xhur ilu biex saru x-xogħolijiet f'dik it-triq. Illi fin-nuqqas ta' records li juru li din is-speedhump kienet ġiet awtorizzata minn Transport Malta, meħtieġ li terġa ssir talba ġdid għaliha. Għaldaqstant, dan il-Kunsill qed jintalab biex jiddikjara li fi Triq Mannar kien hemm speed hump li kien approva hu stess u li kienet ilha hemm snin kbar u kif ukoll li jiddeċiedi li jressaq talba ġdida quddiem Transport Malta biex is-speedhump issir mill-ġdid fejn kienet.'

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri illi kienet tkellmet dwar din l-ispeed hump ma Transport Malta u peress li l-approvazzjoni oriġinali ma nstabx, il-Kunsill irid jissottometti talba mill-ġdid. Importanti ħafna li naraw quddiem liema residenza se ssir biex nassiguraw li jkunu kuntenti biha. Dr. Cutajar qal li ssir eżatt fejn kienet u Dr. Francienne Muscat qalet li dik tneħħiet meta saru x-xogħolijiet tat-triq. Is-Sindku Victor Curmi qal li għandha ssir l-fuq mis-sqaq biex ma tiġix wara l-exit imma qabel l-exit. Google maps kien qed juri li din filfatt kienet il-fuq mill-sqaq. Kien hemm qbil unanimu sabiex ssir talba lil Transport Malta biex terġa ssir fl-istess post fejn kienet qabel, suġġett li nkunu tlabna għal kunsens tar-residenti taż-żona.

Mozzjoni Nru 6a - Ippproponuti mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar u sekondati mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat.

' Illi fil-laqgħa mal-Pulizija, dan ix-xogħol hu meħtieġ biex ikunu jistgħu jżommu aktar ordni f'din it-triq prinċipali; Illi s'issa jidher li nżebgħu wħud mill-goslow Signs għalkemm mhux kollha; Għaldaqstant, il-Kunsill qed jintalab sabiex jiddeċiedi li fi Vjal

8ta' Settembru, jinżebgħu l-go slow Signs fejn dan ma sarx u jitwaħħlu fejn hemm bżonn bi qbil mal-pulizija tabelli b'go-slow Signs ukoll'

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar spjega li f'kull laqgħa ta mal-pulizija tal-Komunita' l-Pulizija u l-LESA qed jinsistu għalihom u rridu niddeċiedu dwarhom. Dr. Muscat semmiet li jekk qed jitolbu għalihom il-Pulizija għandna nimxu fuq dak li qed jissuġġerixxu huma. Dr. Cutajar semma li LESA kellhom jiktbu lil Transport Malta għal meeting. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li l-korripondenza saret u ser tiġi ffissata data għal dan il-meeting. Is-Sindku Victor Curmi spjega li ma jsibx problema li jsiru pero' l-problema li hemm hija quddiem min ser jitpoġġa l-arblu u l-speed limit mal-art qiegħed hemm ukoll. Dr. Cutajar informa lill-membri li dan diġà qalulhom u dejjem ġie nfurmat li l-Pulizija ma jistax jinforza jekk ma jkunx hemm tabelli, l-istess problema li hemm fil-pjazza. Kompla jispjega li huma qed jissuġġerixxu li fil-Pjazza għandhom isiru tabelli, *'Ma tistax tieqaf hawn.'* Is-Sindku Victor Curmi qal li ma jistax jifhem kif karozzi pparkjati fin-nofs u li jkunu qed jostakolaw t-traffiku ma jistgħux jingħataw taħrika.

Dr. Muscat qalet li jekk il-Pulizija qed jitolbu li jsiru s-signs fil-Pjazza biex b'hekk ikun jista jinforza allura ma tarax għaliex ma għandhomx isiru. Il-Kunsilliera Marion Portelli semmiet ukoll it-trukkijiet li jkunu jridu jħottu x-xogħol, fejn Dr. Cutajar qal li anka din ġiet diskussa. Is-Sindku Victor Curmi stqarr li assolutament ma jaqbilx li jsiru cameras li bihom joħorġu t-taħrikiet u lanqas li nimlew il-Pjazza bit-tabelli. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar iddikjara li hu fl-ebda ħin ma qabel ~~mal-Pulizija~~ f'isem il-Kunsill li jsiru dawn il-cameras. Hu fakkar ukoll li kiteb imejl bid-dettalji kollha li ħarġu mil-laqgħa tal-Pulizija tal-Kommunita'. Dr. Francienne Muscat semmiet li rridu nirrikonoxxu li għandna problema u rridu naraw kif se tiġi ndirizzata. Ġew diskussi diversi options. Is-Sindku Victor Curmi qabel li hemm problema u allura ssuġġerixxa li nerġgħu niktbu lis-Superintendent għal direzzjoni bil-miktub minn għandhom. Kien hemm qbil ma dan. Dr. Cutajar żid jgħid li l-Pulizija talbuh ukoll sabiex isiru tabelli loading/unloading fil-Pjazza. Din it-talba wkoll ġiet diskussa u l-Kunsill ma qabilx li jsiru t-tabelli tal-Loading and Unloading fil-Pjazza minħabba li ma hemmx spazju u jkun qed jintilef l-uniku tlett parking spaces li hemm għar-residenti tax-Xagħra.

Mozzjoni Nru 6b – Ipproponuta mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar u sekondata mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat.

'Illi l-Kunsill qed jintalab biex jagħti suppliment f'għajnuna finanzjarja għal pubblikazzjoni tar-riċerkatur Dr Aaron Moses Attard Ħili a rigward l-Parrokat tal-Arċipriet Mawrizju Cauchi.'

Is-Sindku stqarr li fil-laqgħat preċedenti konna diġà qbilna b'deċizzjoni unanima li nikkolaboraw bl-ammont ta' €500 u dan diġà gie kkomunikat lilu mis-Segretarju

Eżekuttiv. Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar qal li ma kienx sab din id-deċizzjoni fil-minuti u ma għandux amment magħha. Is-Sindku qal li konna qbilna kollha flimkien u ma nistgħux mmorru mil-kelma lura. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li hi diġà kkomunikat miegħu. Dr. Kevin Cutajar talab li din il-mozzjoni titressaq għall-vot.

Is-Sindku Victor Curmi ressaq kontro-mozzjoni li ġiet sekondata mill-Kunsillier Dr. Christian Zammit –

'Peress li fuq il-mozzjoni mressqa rigward it-talba minn Dr. Aaron Attard Ħili din it-talba ta' Dr Ħili kienet ġa mressqa f'laqgħa oħra fejn il-Kunsilliera kollha preżenti unanimament qablu mal-ammont li ser jingħata lil Dr. Ħili għall-pubblikazzjoni tal-ktieb propost, ma naħsibx li għandha terġa tiġi mtela hawn biex tiġi diskussa għax id-deċizzjoni kienet diġà ttieħdet fil-laqgħa msemmija. Nitlob li t-talba għandha tibqa bl-ammont maqbul unanimament fil-laqgħa ta' dawk preżenti meta ġiet diskussa.'

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar qal li din mhix kontro mozzjoni għaliex mozzjoni trid tkun mistoqsija li fuqha jittieħed vot. Is-Sindku Victor Curmi kompla

'Qed nitlob li t-talba għandha tibqa bl-ammont maqbul unanimament minn dawk preżenti fil-laqgħa ta' meta ġiet diskussa, naqblu?'

Dr. Kevin Cutajar talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa u jirtira ftit mill-kamra. Is-Sindku Victor Curmi qal li din ma kienetx materja ta' urġenza u allura l-irtirar qed jiġi miċħud sabiex nkomplu bil-laqgħa li diġà kellha tkompli f'ġurnata oħra minħabba d-dewmien tagħha. Dr. Cutajar reġa talab għal ħames minuti u għalhekk din it-talba ġiet milqugħa mis-Sindku Victor Curmi. Dr. Cutajar, Dr. Muscat u Leanne Micallef iritiraw mill-kamra u reġgħu daħlu lura wara ħames minuti. Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar informa l-kamra li qed jirtira l-mozzjoni tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv sabet u qrat id-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill li kienet dokumentata fil-minuti numru 32, li nżammet nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026. Din inqrat lill-membri.

Mozzjoni Nru 7 – Ippproponuta mill-Kunsilliera Leanne Micallef u sekondata mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat.

'Nixtieq inressaq mozzjoni biex fil-ftuħ tas-sena skolastika tal-Kindergarten, il-Kunsill jerġa jiffinanzja Cartoon Character.'

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mozzjoni Nru 8 dwar il-bżonn urġenti ta' resurfacing fi Triq Liberat– Proponuta mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat. Dan is-suġġett ġie ndirizzat mis-Sindku Victor Curmi aktar kmieni f'din il-laqgħa u allura l-mozzjoni ġiet irtirata. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu niktbu lill-Ministeru Għal Għawdex.

Mozzjoni Nru 9 – Ippproponuta mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat dwar bozoz fil-pjazza u tal-knisja. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat infurmat lill-membri li minħabba li kienet tkellmet mas-Segretarju Eżekuttiv dwar dawn il-bozoz hija kienet qed tirtira l-mozzjoni. Is-Sindku Victor Curmi spjega li ilna ħafna nressqu t-talba għal tiswija ta' bozoz lill-Kuntrattur. Sfortunatament, huwa l-uniku wieħed li hawn u ċertu talbiet jieħdu ftit taż-żmien.

Rigward il-bozoz tal-Knisja, s-Sindku spjega li dawn iridu jinbidlu kollha għaliex inkella d-dawl ma jkunx l-istess u jiġu koroh. Dawn ma għadhomx f'idejn ir-Reġjun imma huma propjetà tal-Knisja. Dr. Francienne Muscat staqsiet x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill dwar dawn il-bozoz. Is-Sindku Victor Curmi stqarr li dawn jiswew madwar 700/800e il-waħda u l-finanzi tal-Kunsill huma limitati. Għaldaqstant, bħal ma qed isir minn knejjes oħra, għandhom iressqu t-talba lill-Ministeru Għal Għawdex jew japplikaw għall-fondi Ewropej sabiex ssir sistema ta' dawl kompletament ġdid li jinkorpora wkoll d-dawl taz-zuntier li lanqas jixgħel. Dr. Muscat issuġġeriet li ssir komunikazzjoni mal-Knisja dwar dan.

Mozzjoni Nru 10 – Ippproponuta mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat u sekondata mill-Kunsilliera Leanne Micallef.

Fis-19.05 inqata d-dawl u l-laqgħa ġiet temporanjament sospiża. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat, Dr. Kevin Cutajar u Leanne Micallef irtiraw mill-kamra għal ftit minuti.

Fid-19.09 il-laqgħa tkompliet. Dr. Francienne Muscat talbet lis-Sindku Victor Curmi sabiex nkomplu bil-korrispondenza sabiex nagħtu ċans li forsi jerġa lura d-dawl u b'hekk il-laqgħa tkun tista tkompli bl-aħħar mozzjoni u bit-trasmissjoni tagħha online. Is-Sindku laqa t-talba u għalhekk mxejna għal punt ta' korrispondenza. Id-dawl irritorna lura u għalhekk tkompliet il-laqgħa fejn ħallejna.

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat qrat il-mozzjoni:

' Aħna l-Kunsilliera tal-PN, wara sentejn fil-Kunsill nħossu, li l-ħidma tal-Kunsill mux qed isir sew u fil-ħin. Aħna għandna kull interess li l-ħidma ssir fl-aħjar interess tar-raħal u residenti. Għaldaqstant qed nitolbu lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi u jieħu impenn li s-sitwazzjonijiet li jeħtieġu azzjoni li jkunu ġew imsemmija fil-laqgħat tal-Kunsill u l-affarijiet deċiżi, mhux biss jiġu ndirizzati u ndirizzati sew, iżda li dan isir fl-iqsar żmien possibbli, u wkoll li Kunsilliera kollha jinżammu nfurmati regolarment bil-progress li jkun qed isir?'

Dr. Francienne Muscat spjegat li din it-talba qed titressaq fuq talbiet li ilhom isiru mill-bidu ta' din il-leġislatura u għadhom jistennew li jingħataw risposta fuqhom. Semmiet dawn il-punti

-BCRS li ilha titressaq mill-ewwel laqgħa tal-Kunsill f'Lulju 24- Bdiet it-tfittxija u għaddew sentejn.

- Triq Gorf – Talba għal One way li saret f'Awwissu 24. Sindku kien infurmana li se jsir ix-xogħol tal-Enemalta u WSC fi Triq Mannar li issa tlesta, saru diversi talbiet minna u s-soluzzjoni għada ma nstabitx.

- Triq Marsalforn – Ilha tissemma f'kull laqgħa minn Lulju 24 – li hemm bżonn traffic management urġenti - saru s-sinjali sofor wara li nkiteb post fuq facebook .

- Triq Karkar – Ilna nressquha minn Awwissu 24, f'April 25, ġiet mwegħda mill-Ministru li se ssir u sa issa għada ma saritx.

- Tlabna laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn tali talba ntbagħtet kemm il-darba mis-Segretarju tal-Kunsill li sa issa għadna ma saritx.

- Proġett Calypso – Ilna nitolbu informazzjoni dwar dan il-proġett minn Lulju 24, la ġejna nvoluti fil-proċess u lanqas risposta. L-istess dwar il-mastermind tar-Ramla.

- Cats zebra crossing – Talba li saret fis-6 ta' Lulju u minkejja li hemm deċiżjoni tal-Kunsill din għada ma saritx.

- Il-problema ta' Refalo – Bdiet tissemma Settembru 24, soluzzjoni għada ma ġietx implimentata.

- Monument Malta rebbieħa bdiet tissemma f'Settembru 24 mal-XHRO – sal-lum għada ma saritx.

- Sqaq in-Nenus -f'Ottubru 24 u sa issa għada ma saritx.

- Triq it-Tiġrija u Triq il-Knisja – Awwissu 24, kellhom isiru wara dik il-festa.

Semmiet li dan mhux it-tħassib tagħhom biss imma tar-residenti li jirrikorru għandhom u għalhekk ħassew li kellhom jirrikorru għal-midja soċjali u spjegat li ma ħassitx li kellu jintlaqa bil-mod ta' kif intlaqa mis-Sindku. Qalet li mhux aċċettabbli li jsir diskors personali kif sar, issemma l-bullying u li qed joħolqu d-divizjoni meta dejjem ikkoperaw.

Is-Sindku Victor Curmi qal li Dr. Muscat mhux qed tindirizza l-mozzjoni tagħha għaliex il-mozzjoni mhux hekk qed tgħid imma li l-Amministrattiv mhux qed jagħmel xogħlu. Dr. Francienne Muscat wieġbet li fl-ebda mument ma ssemma l-Amministrattiv jew li l-Amministrattiv mhux jagħmel xogħolu. Is-Sindku Victor Curmi stqarr li Dr. Muscat kienet preżenti f'kull laqgħa li saret u għal kull ħaġa li semmiet, dejjem kien hemm ir-risposti. Spjega li mhux dejjem kienu risposti li xtaqu pero' dejjem ta update ta' dak li jkun għaddej dwar kull ħaġa. Dr. Francienne Muscat qalet li ma kienux jafu li ser jinżebħu s-sinjali s-sofor fi Triq Marsalforn u dawn inżebħu wara li huma tellgħu post

fuq fb. Is-Sindku Victor Curmi nfurmha li saru għaliex kollha konna qbilna li jsiru fil-laqgħa tal-Kunsill ta' qabel u l-membri kollha kienu jafu li se jsiru, nsibu l-minuti. Żid jgħid li l-istess ġara dwar Triq Gorf, kien intlaħaq qbil unanimu li malli titlesta Triq Mannar nipproponu xi ħaġa li tista ssir u din it-triq ma ilhiex li tlestiet. Qal li xħin tajna soluzzjoni u kien hemm qbil unanimu li nagħmlu t-traffic lights, bil-Kunsilliera kollha nklużi, marru jiktbu bil-kontra. Ġiet diskussa wkoll il-proġett tal-Monument Malta Rebbieħa fejn Dr. Muscat qalet li dan ma reġax ssemma u lanqas reġa resaq għad-diskussjoni. Is-Sindku Victor Curmi qal illi fil-Kunsill bqajna ma ntlaħaqx qbil ta' kif għandha toħroġ is-sejħa għall-offerti u Dr. Cutajar qal li din ma reġatx tressqet għad-diskussjoni meta l-ispecifications kollha kienu lesti u tajbin f'Ottubru. Is-Sindku qal li bħal ma nafu saret elezzjoni u nbiddlu l-Ministri, u allura l-fondi ma jibqgħux garantiti. Id-diskussjoni kompliet għaddejja u Dr. Francienne Muscat stqarret li ċertu affarijiet qed idumu ż-żejjed biex isiru u mill-Kunsill għandhom jintbgħatu reminders kull ġimgħa dwar proġetti li ilhom ġejjin mis-sena 2024.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet permess lis-Sindku sabiex twieġeb, liema talba ġiet milqugħa. Hija spjegat li din il-mozzjoni qeda tfisser sfiduċja fl-amministrattiv, spjegat id-diżappunt tagħha għal dan wara li minn naħa tagħha hija taħdem sigħat twal sabiex bħal dejjem xogħolha twettqu bl-akbar responsabbilta' b'rispett lejn kulħadd u dan minkejja n-nuqqas ta' riżorsa umana li l-Kunsill jinsab fih. Fakkret lill-membri li kull Kunsillier għandu l-obbligi li jaħdem flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv biex iwettaq xogħol li jaqa fid-dikasteru fdat lilu u mhux il-laqgħa tal-Kunsill biss. Dr. Muscat qalet li din il-mozzjoni ma kinitx indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv imma lill-Politikant. Dr. Cutajar qal ukoll li din ma kinitx intenzjonata għas-Segretarju Eżekuttiv imma għal Kunsill għaliex hemm ħafna affarijiet li qed idumu ħafna biex isiru. Il-Kunsilliera Leanne Micallef qalet li kulħadd jaf li x-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv isir sew ħafna. Dr. Cutajar kompla jgħid li min qed jgħid li huma deviżivi ma jafx x'qed jgħid, fakkar li jekk ma jattendux it-tlett kunsilliera li huma, ma ssirx laqgħa tal-Kunsill. Id-diskussjoni kompliet għaddejja. Dr. Francienne Muscat talbet li l-Kunsilliera għandhom jkunu infurmati regolarment bix-xogħol li jkun qed isir u rreferit għal xogħol ta' bankijiet li saru u ttellgħu fuq il-midja soċjali tas-Sindku. Is-Sindku nfurmha li kif kien miktub fil-post stess, dan ix-xogħol ma sarx mill-Kunsill imma mill-Ministeru għal Għawdex u dak kien post ta' ringrazzjament lejn il-ħaddiema li wettqu dak ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li hija dejjem disponibbli li tilqagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill kull meta jixtiequ illi jaraw xi korrispondenza jew dokument. Min naħa tagħha l-korrispondenza tkompli tressaqha kollha fil-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku Victor Curmi ressaq kontro-mozzjoni li ġiet sekondata mill-Kunsillier Dr. Christian Zammit.

'Mozzjoni ta' Appoġġ mill-Kunsilliera Victor Curmi, Marion Portelli u Christian Zammit favur il-membri tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra li tinkludi lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sa Heidi Grech.

Mozzjoni ta' Appoġġ:-

Il-Kunsilliera hawn fuq imsemmija jesprimu l-appoġġ sħiħ tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv u membri tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill u jirrikonoxxu l-ħidma kontinwa, iddedikata u professjonali li huma jwettqu ta' kuljum.

Dr. Francienne Muscat intervjeniet u qalet li s-Segretarju Eżekuttiv qaltilna li fl-istess mozzjoni ma jistgħux jiġu diskussi punti ġodda, għaliex fl-ebda ħin ma ssemma s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsilliera msemmija jinnotaw b'apprezzament l-ammont konsiderevoli ta' xogħol u r-responsabbiltajiet voluminużi li jiġu ttrattati b'mod regolari, kif ukoll l-impenn tagħhom sabiex dawn jiġu mwettqa b'effiċjenza, serjetà u responsabbiltà.

Dr. Kevin Cutajar intervjena u qal illi din mhux se jaċċettha għaliex huma qatt ma ndirizzaw lis-Segretarju Eżekuttiv anzi għaliex iridu jgħinuha biex ikollha aktar għajnuna. Kompla jgħid li fl-ebda mument ma kienet intenzjonata lejn is-Segretarju Eżekuttiv.

Għaldaqstant, il-Kunsilliera msemmija jirrikonoxxi li, minkejja l-volum kbir u d-diversità tad-dmirijiet li jaqa' fuq il-membri tal-Amministrazzjoni, huma konsistentement jagħtu riżultati sodisfaċenti u jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-funzjonament effettiv tal-Kunsill u għas-servizz mogħti lir-residenti tax-Xagħra.

Il-Kunsilliera msemmija għalhekk jesprimu l-apprezzament tagħhom għall-ħidma tagħhom u jiddikjaraw l-fiduċja u l-appoġġ tagħhom lejn l-istess amministrazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li jħeġġu lill-partijiet kollha sabiex jagħtu r-rikonoxximent dovut lill-kontribut siewi tagħhom.

Id-diskussjoni kompliet u l-Kunsilliera Dr. Muscat, Dr. Cutajar u Leanne Micallef insistew li din il-mozzjoni ma kinitx indirizzata lejn is-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ma għandix tiġi aċċettata l-kontro mozzjoni minħabba li din qed tibdel l-punti kollha. It-tlett Kunsilliera talbu sabiex il-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti u rtiraw mill-kamra. Is-Sindku laqgħa t-talba tagħhom u l-laqgħa ġiet sospiża.

Wara ftit minuti rritornaw lura fil-kamra u l-laqgħa tkompliet. Dr. Kevin Cutajar semma li għandhom jittieħdu żewġ voti għaliex dawn kienu żewġ mozzjonijiet differenti. Kompla jgħid li huma spjegaw ruħhom dwar x'riedu jfissru b' din il-mozzjoni u li kienet indirizzata lejn il-politikant u mhux lejn l-amministrattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minkejja li qed tisma dan li qed jingħad, min ser jaqra din il-mozzjoni se

jifhem illi l-persuna nkarigata li twettaq id-deċizzjonijiet tal-Kunsill li f'dan il-każ huwa s-Segretarju Eżekuttiv mhux qed iwettaq xogħolu sew. L-mozzjoni kellha allura tinkiteb mod ieħor biex tirrifletti l-messaġġ li riedu jwasslu. Dr. Francienne Muscat talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tniżżel fil-minuti li s-Segretarju Eżekuttiv qiegħed jinterpreta l-liġi u tat direzzjoni lill-Kunsill li l-kontro-mozzjoni mressqa mis-Sindku Victor Curmi ħierġa mill-istess mozzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-kontro mozzjoni qegħda tindirizza l-istess suġġett kif jinftiehem minn kull min se jaqra l-mozzjoni numru 10. Dr. Francienne Muscat talbet lis-Sindku jagħmel id-domanda u mhux statement. Is-Sindku Victor Curmi ressaq il-mistoqsija tal-kontro-mozzjoni għal vot, li ġiet sekondata mill-Kunsilliera Marion Portelli. Dr. Francienne Muscat qalet li ġaladarba dik hija l-mistoqsija ma għandux ikun hemm issues għaliex dan huwa ddikjarat.

'Qed nitlob lill-Kunsill jiddeċiedi jekk għandux fiduċja fl-Amministrattiv inkluż is-Segretarju Eżekuttiv'

Kien hemm vot unanimu favur l-Amministrattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri li għal darba oħra meta jkun hemm mozzjonijiet bħal dawn ikun tajjeb li wieħed ikun aktar attent ta' kif jinkitbu. Dan għaliex jweġġgħu anka l-impjegati tal-Kunsill li lkoll jaħdmu bla waqfien. Dr. Muscat irreferiet għal fatt li allura l-ħaddiema tal-Kunsill kienu nfurmati bil-mozzjoni qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet illi t-titlu tal-mozzjonijiet jitniżżlu fuq l-agenda li hija dokument pubbliku. Dr. Kevin Cutajar talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-ħaddiema tal-Kunsill li l-Kunsilliera għandhom fiduċja assoluta fihom kif ukoll fis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv se tinforma lill-ħaddiema.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat

Mressqa u li ġew imwieġba mis-Sindku Victor Curmi aktar kmieni f'din il-laqgħa.

-Triq Karkar, Tiġrijiet taż-żwiemel, Bandli, Telephone box, Ċentru Ċiviku, Proġett Daħla tax-Xagħra, Proġett Calypso, Resurfacing ta' 2 km, Water Culvert fi triq il-Knisja,Proġett Mitħna, BCRS, TM ta' Triq Marsalforn, Triq il-Knisja u Triq Gorf, Ramla Masterplan, Sqaq in-Nenus u Triq Għonqa, Triq Pergola, Trab f'Wied l-Għejjun u vetturi abbandunati, Monument Malta Rebbieħa, Żona tal-Lablab.

Staqsiet ukoll dwar:

- Brackets għad-disabled parking quddiem l-HSBC u quddiem il-knisja – Is-SE fakkret li kellha tibgħat ir-ritratti.
- Proġett tal-Wires u trinek fil-pjazza- SE infurmat lill-membri li qed tibgħat reminders lil Inġinier regolarment dwar it-talba għal cables.

- Semmiet li peress li għadna mingħajr toilets pubbliċi qed ikun hemm problema qrib il-bandli. Spjegat li nfurmata illi xi sewwieqa tat-Tuktuk qegħdin jużaw it-triq ta' ħdejn il-board fl-entratura tax-Xagħra u għalhekk kien hemm qbil li tintbgħat imejl mill-Kunsill dwar dan.
- Staqsiet dwar il-follow up meeting mal-Ministru Għal Għawdex – Is-SE wieġbet li batet reminders pero' għada ma rċevitx data.
- Belveder, Triq il-Knisja – Bozoz maħruqin – Is-SE infurmata li huma rrapurtati.
- Lids with holes – Ramla Bay – Is-SE infurmata li din it-talba ġiet mressqa lil MGP.
- Triq Kortoll – Raymond Farruġia – hemmx risposta minn MGOZ – Is-Sindku nfurmha li l-Kunsill mhux involut f'ebda xogħol li sar u kif diġà ġie nfurmat s-Sur Farruġia, t-talbiet tiegħu jridu jsiru lill MGP.
- Charging Pillars – Is-SE ippreżentat kopja tal-korrispondenza
- Heritage Malta – Semmiet li ltaqat magħhom u jixtiequ li jagħmlu żewġ boards ġewwa r-Ramla, waħda dwar il-Kavallieri u oħra dwar ir-Rumani. Spjegat illi huma se jlestu d-disinn u talbu l-Kunsill jiffinanzja l-boards. Is-Sindku Victor Curmi semma li minħabba li l-finanzi tal-Kunsill huma limitati u dawn jistgħu jiswew il-mijiet ta' ewro, nitolbuhom sabiex jiġu ffinanzjati min naħa tagħhom. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat se terġa titkellem ma Heritage Malta dwar dan.
- Ressqet id-dati ta' 19ta' Settembru jew 3ta' Ottubru biex tinżamm Treasure Hunt bħas-sena preċedenti. Kien hemm qbil li ssir fit-3ta' Ottubru u r-rigali jitqassmu fl-Autumn Fest.

Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar

Mressqa u li ġew imwieġba mis-Sindku Victor Curmi aktar kmieni f'din il-laqgħa.

-Triq Karkar, Triq Nenus, Triq Għajn Barrani, Issue ta' ilmijiet ta' Joseph Refalo, Speedhump fi Triq Mannar, BCRS.

- zebra crossing tal-qtates – Kien hemm qbil li tintbgħat talba bil-miktub lil TM.

- Rilokazzjoni tad-Disabled parking fir-Ramla – Is-Sindku qal li dan se jkun inkluż fil-masterplan tar-Ramla.

- Update dwar il-kawżi pendenti l-Qorti – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kawża ta' Janice hija diferita għat-18ta' Settembru 2026 u l-kawża l-oħra ta' Yama Yama hija diferita għas-16ta' Ottubru 2026.

Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef

Mressqa u li ġew imwieġba mis-Sindku Victor Curmi aktar kmieni f'din il-laqgħa.

-BCRS, Arterjoli Pjazza Nazzarenu, Triq Karkar, Triq Gorf, Meeting mal-Ministru, Xogholijiet mill-MGP 2kms, Civic centre, Sqaqien Nenus u Pergola.

- Staqsiet ukoll dwar il-barriers li tneħħew fi Pjazza Sant Anton kif ukoll semmiet li ma hemmx biżżejjed tabelli – Is-Sindku wieġeb li din qed titneħħa min-nies u tabelli hemm ħafna.

- Semmiet ukoll li issa li l-Iskola Primarja għandha Surmast ġdid jkun tajjeb li ssir laqgħa miegħu. Is-Sindku Victor Curmi qal li diġà tkellem miegħu u qed jistenna li jtih data għal laqgħa miegħu. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat u Leanne Micallef talbu li jkunu notifikati dwar din id-data għaliex jixtiequ jattendu.

34.6 Skema SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament -Karnival 2026 u Skema SPI/SCI/07/2027 – Skema Annwali u dati tal-Attivitajiet għas-sena 2027.

Din il-materja ġiet diskussa f' punt numru 34.4 u r-riżoluzzjonijiet bin-numri 06-2026 u 07-2026 ġew unanimament approvati.

34.7 Varjazzjonijiet – Proġett ta' Tisbiħ Ġnien tal-Mitħna – TXLC/01/2026

Din il-materja ġiet diskussa f'punt numru 34.4 u kien hemm qbil unanimu sabiex tiġi sottomessa t-talba għal-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal din il-varjazzjoni.

34.8 Bye-Law – Bajja tar-Ramla l-Ħamra

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-korrispondenza bil-kummenti li rċvejna mingħand l-avukat tad-Dipartiment Dr. Mariella Silvio. Kien hemm qbil li din ser terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss.

34.9 Qari ta' Korrispondenza u lmenti mir-residenti

- Modifikazzjoni tat-talba tal-Melita plc sabiex isiru l-kaxxi fi Triq Gorf. Il-Kunsill approva Option 1 suġġett għal third party Rights.

- Korrispondenza minn Reġjun Għawdex dwar Laqgħa ma' Dar Malta waqt European Week of Regions and Cities 2026. Il-Kunsilli jistgħu jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

- Korrispondenza mill-AKL dwar sejħa għal Espressjoni ta' Interess – Smart City Expo World Congress Barcelona 3-5ta' Novembru.

- Tweġiba mingħand il-Perit dwar il-proposta tal-Kunsill re-Triq Gorf. Wara laqgħa li kellu ma' TM, l-preferenza tibqa li Triq Mannar u Triq Ġorf jaħdmu bħala one-direction flow System flimkien, waħda kontra l-oħra. B'hekk ma jintilfux parking spaces u hija l-eħfef soluzzjoni. Biex tagħmel lights li jalternaw it-traffic flow irid ikollok waiting lanes ta' ċeru tul u jrid ikollok visibility li tara t-truf, xi ħaġa li ma jafux hiex possibbli.

- Proġett Smart Bins – Wara li sar rikonċiljazzjoni tal-ispejjeż involuti, l-Kunsill irid jirrifondi l-ammont ta' €7127.75 mill-ammont ta' €35K li kien kopri l-Kapital filwaqt li l-ammont ta' €7667.91 mill-ammont ta' €90K. Kien hemm qbil dwar dan.

- Invit mill-Kunsill ta' Rahovec sabiex membri mill-Kunsill tagħna jipparteċipaw fil-festival tradizzjonali tagħhom li se jsir fit-2 u 3 ta' Awwissu(Fardi Fest) kif ukoll l-attivita' li se ssir fl-4 u 6 ta' Settembru (Hardhfest). Min naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku Victor Curmi għall-attivita' ta' Awwissu.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li għal-invit li rċivejna minn Atessa, attendew għall-attivita' tat-tin nhar il-11ta' Awwissu, s-Sindku Victor Curmi kif ukoll il-Kunsilliera Marion Portelli

- Talba mingħand Grace Vella Refalo f'isem Voci Angeliche choir għall-kollaborazzjoni sabiex isir il-Christmas Concert fit-28ta' Diċembru kif ukoll kunċert ieħor matul ir-Randan 2027, fis-6ta' Marzu 2026. Kien hemm qbil li bħal ma jsir kull sena nikkolaboraw għall-Kunċert tal-Milied u nerġgħu nitkellmu l-quddiem dwar attivitajiet tar-Randan 2027.

-Talba mingħand Rev. Arċipriet Daniel Sultana fejn qed jipproponi li l-Kunsill jsemmi triq f'isem Arċipriet Maurizio Cauchi hekk kif diġà sar fil-passat għall-predeċessur tiegħu l-Arċipriet Ġużeppi Diacono. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Korrispondenza mingħand il-Kuntrattur Paul Sultana dwar xogħol ta' konkrit li sar fi Triq l-Għejjun matul is-sena 2023 u li kellu jitħallas mill-Kunsill pero' l-kont ħareġ fuq il-Kuntrattur. .Dan hu xogħol li sar u allura kien hemm qbil li dan il-kont għandu jitħallas.

- Ilment mingħand resident dwar il-kundizzjoni ħażina ta' Triq Karkar. Qed tappella sabiex din is-sitwazzjoni tingħata l-attenzjoni li jixirqilha kemm jista jkun malajr.

- Riżultat dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-programm Erasmus+. Il-Kunsill instab konformi u qiegħed fuq il-lista ta' riservi, u għalhekk jekk ikun hemm fondi biżżejjed jkolli ċans jibbenifika minn dan il-programm.

- Korrispondenza mingħand il-Kumpanija Invent 3D fejn qed titlob meeting dwar Braille signals li jkunu jistgħu jsiru fil-lokalita'. Kien hemm qbil li niddiskutu aktar dwar dawn it-tabelli u għalhekk il-Kunsillier, Dr. Kevin Cutajar se jkun qed jikkomunika magħhom.

- Ilmenti

Residenti ippreżenta kopja ta' rapport lu hu għamel lill-pulizija dwar ħsara fuq ħajt fi Triq 28ta' April 1688, li skont hu qed isir minn vetturi kbar. Għalhekk qiegħed jitlob li

l-Kunsill iwaqqaf vetturi kbar milli jgħaddu minn din it-triq kif ukoll li jpoġġi t-tabelli li juru dan. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

Talba għal disabled parking bay komuni ħdejn il-Knisja tan-Nazzarenu – Is-Sindku Victor Curmi ppropona li dan isir fl-ewwel parking space fi Triq Mannar. Kien hemm qbil dwar dan.

Talba sabiex jingħata s-siment fi Sqaq li jinsab fi Triq 28ta' April 1688. – Ssir it-talba lill MGP/

Talba għal mera fi Triq Għajn Hosna - approvata

Talba sabiex parti fi Triq Għonqa li oriġinarjament kienet se ssir bis-siment issir bit-tarmak. – It-talba ġiet sottomessa lill-MGP

- Talba mingħand l-Għaqda Armar għal kollaborazzjoni ta' €600 biex tittella attivita' f'Awwissu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.
- Korrispondenza mingħand Xagħra United FC dwar l-organizzazjoni Tiġrija taż-Żwiemel bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa 2026. Infurmawna li din ġiet approvata mill-awtoritajiet konċernati u se ssir nhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru 2026 bejn is-07.00 u nofsinhar. L-ittra ġiet moqrija lill-membri.
- Korrispondenza mingħand Is-Sinjur Bigeni sid l-istabbiliment – Il-Logġa. L-ittra inqrat lill-membri. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Talba għal No Objection sabiex jitpoġġa kiosk fejn Hamet Roundabout. Il-Kunsill qabel li jagħti No Objection tiegħu suġġett li jkollu l-permessi kollha meħtieġa kif ukoll li l-kiosk jitpoġġa ftit aktar il-ġewwa.
- Objection għal PC00113/19- To reduce width of proposed street by 2.3m from 10.3 to 8.0m – Site at New Street off Triq Karkar, Xaghra.
- Stedina għal parteċipazzjoni – Għawdex Tikka Tikka – Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tgħaddi l-korrispondenza lill-membri.
- Sar il-filming fir-Ramla ghal Love Island Sweden. Ir-Ramla ntagħżlet ukoll sabiex isir filmat għal Junior Eurovision.
- Notifika dwar reserved parking approvat fi Triq 28ta'April. Il-Kunsill ħa nota ta dan.
- Programm ġdid fuq TVM – Lokalita' tagħna – Se jkun qed isir kuntatt mas-Sindku sabiex it-telespettaturi jgawdu mill-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

- Talba għal sinjali sofor temporanji fi Triq Parisott ħdejn Luna Court, minħabba li qed isir xogħol ta' kostruzzjoni. – Pjanta annessa. Kien hemm qbil dwar dan.

- Talba għal kollaborazzjoni mingħand ix-Xagħra United FC sabiex isiru l-kits u l-aċċessorji tat-tim li jirrappreżenta lir-raħal tagħna. Din it-talba ġiet diskussa u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiffinanzja dawn il-kits u l-printing tagħhom li jrid ikollhom il-logo tal-Kunsill, sa massimu ta' €6600.

- Korrispondenza mingħand resident dwar is-sitwazzjoni ħażina li tinsab fiha Triq Karkar. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Tender XRA02/2026 – Kien hemm qbil li l-bord għandu jkun ffurmat minn Dr. Larry Formosa, Perita Mariella Xuereb, Ivan Attard kif ukoll minn Chairperson Duncan Hall.

- Iment no 06-26 - Talba minghand resident ghal linji sofor fejn l-istabilliment tal-Furnar minħabba l qed jeħel it-traffiku. – Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- - Talba mingħand l-Arċipriet għal-kollaborazzjoni mal-Parroċċa fil-publikazzjoni tar-rivista Ix-Xaghra li din is-sena qed nfakkru l-50 sena mill-Anniversarju mill-ewwel ħarġa tiegħu. – Kien hemm qbil unanimu li nikkolaboraw sa massimu ta' €500.
- -Talba mingħand l-Arċipriet għal kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-festa – Qed jitlob l-ammont ta' €1200. Is-Sindku Victor Curmi qal li ser nikkolaboraw l-istess bħas-sena preċedenti. Kien hemm qbil unanimu ma dan.
- Notifika mill-PA - Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fuq is-sit fi Triq Ġdida fi Pjazza Sant Anton, Xagħra.
- Talba għal sinjali sofor fi Triq Marsalforn minħabba li resident qed jallega li qed issir ħsara lill-gallarija tiegħu. T-talba ntbgħatet lil TM.
- Korrispondenza mingħand Bjorn Sandnes, resident Norveġiz u li għndu wkoll residenza fix-Xagħra, qed joffri li jtella kunċert mill-band tiegħu fix-Xagħra mingħajr ħlas matul ix-xahar ta' Ġunju 2027. Il-Kunsill irid jipprovdi l-loġistika bħal ma huma s-sound u l-istage. Il-Kunsill qabel unanimament li nilqgħu din il-proposta u minħabba li x-xahar ta' Ġunju huwa mimli, nikkomunikaw miegħu sabiex naraw jistax isir fix-xahar ta' Lulju 2027.

34.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-20.20pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 24 ta' Settembru 2026 fis-17.00pm.

Konfermati illum il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2026

Victor Curmi
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv